# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il- Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**

vs

**Mohamed Mustafa Abdalla Almagbri**

Illum: 10 ta` April 2023

**Il-Qorti**

**Rat li Mohamed Mustafa Abdalla Almagbri, 28 sena, Nazzjonalita Libjana, iben Mustafa u Hawa mwieled nhar 12/05/1994 gewwa Benghazi, prezentament bla residenza, detentur tal- Passaport Libjan bin- numru AC450128 gie akkuzat talli:**

Fit- 8 ta' April 2023 fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil fil- Passaport jew uża jew kellhu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih. (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi. (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopji vera ta' dokument jew reġistrazzjoni magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Fl-Udjenza tal-10 ta' April 2023 sar l-ezami tal- imputat fejn wiegeb li hu hati t u tenna din it-tweghgiba wara li gie imwissi mill-Qorti bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

Rat l-artikolu 5 tal- Kap 61,artikolu 189 tal- Kap 9 u artikolu 32(1f) tal-Ligijiet ta' Malta
Semghet l-ammissjoni tal-imputat
Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti

**Ikkunsidrat**
Rat li fi stadju bikri hafna tal-proceduri l-imputat ammetta l-akkuzi li tressqu fil-konfront tieghu

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tikkundanna lil **Mohamed Mustafa Abdalla Almagbri** ghal- piena ta' sitt (6) xhur habs effettivi .

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**